MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Numru 789/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Raymond Cassar**

**V**

**MARIA SIVE MARY FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **MARIA SIVE MARY FARRUGIA** ta' sitta w erbghin sena, bin il-mejjet Vincent Zahra u Carmela nee Attard, imwielda Haz Zebbug nhar t-tletin ta' Gunju 1959 u residenti 190, Casa Theresa, Triq il-Kandlora, Zebbug, detentrici tal-karta tal-identita numru 428559M, giet imressqa quddiemha akkuzata talli f'Haz Zebbug u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Awissu 2005, xjentement b'xi mod ghenet jew assistiet lil awtur jew awturi ta' delitt ta' serq kkwalifikat bil-vjolenza,

bil-mezz, u bil-lok fl-atti li bihom dan s-serq gie ppreparat jew ikkunsmat.

Talli matul l-istess perjodu f'Malta assocjat ruhha ma persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li taghmel delitt ta'serq li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat sitta ta' Settembru 2005 markat bhala dokument CSH 2 a fol 11 tal-atti, sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif jirrizulta mill-ezami li sar nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 [fol 3].

Semghet l-ammissjoni tal-imputata kif verbalizzat fl-atti nhar t-tnax ta' Ottubru 2005 u dan fil-presenza tal-avukat difensur taghha u dan ghal akkuzi kollha kif dedotti kontra taghha.

Rat li l-Qorti tatha zmien xieraq sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha, pero l-imputata nsistiet li tirregistra l-ammissjoni taghha.

Rat li l-ammissjoni taghha kienet wahda voluntarja, spontaneja w inkondizzjonali u a bazi tal-istess l-Qorti tiddikjara li ssib lil imputata hatja tal-akkuzi kollha kif migjuba mill-Pulizija.

Dwar il-piena:

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha iz-zewg stqarrijiet rilaxxjati mill-imputata nhar l-hamsa w ghoxrin ta' Awissu 2005 dokument CM u dik rilaxxjata nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2005 dokument CM 1 u minn ezami tal-istess jirrizulta li ghal ewwel l-imputata cahdet l-partecipazzjoni taghha f'dan id-delitt izda fit-tieni stqarrija hija kkolloborat mal-Pulizija u stqarret fid-dettal dak kollu li sehh u sahansitra anke semmiet min kien t-terza persuna

nvoluta maghha f'dan il-kaz, sabiex b'hekk l-Pulizija tkun f'posizzjoni li ssolvi dan il-kaz b'mod komplet.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa r-relazzjoni tal-Probation Officer John Testa, li kien gie nominat b'digriet taghha nhar t-tnax ta' Ottubru 205 sabiex ihejji pre sentencing inquiry report (dokument JT).

Illi fil-fehma tal-Probation Officer sentenza ta' prigunerija tkun ta' detriment ghal imputata u fil-fatt issuggerixxa li l-imputata tinghata Ordni ta' Probation.

Illi ghalhekk, in vista tas-suespost, il-Qorti thoss li ghandha takkolji r-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer John Testa u tapplika l-provvediment tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 42, 48A, 261(a)(b)(c), 262, 263, 269, 277 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ssib lil imputata MARIA sive MARY FARRUGIA hatja tal-akkuzi kif migjuba kontra taghha u tiddecidi li tpoggiha taht Ordni ta' Probation ghal perjodu massimu permess mill-ligi u cioe dak ta' tlett snin mill-lum ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna li din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex jappunta persuna idoneja bhala Ufficjal tal-Probation ghal imputata.**

**Il-Qorti taghti r-rakkomandazzjoni taghha lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation sabiex possibilment jinnomina lil istess Ufficjal tal-Probation John Testa li diga ha konjizzjoni tal-fatti sabiex irrediga r-relazzjoni tieghu.**

**Il-Qorti ordnat ukoll li kopja ta din is-sentenza tinghata lill-imputata u dan wara li l-istess Qorti spjegat l-import ta din is-sentenza u li l-istess imputata iddkjarat li fehmet l-importanza taghha u x'jigri f'kaz li tonqos li tosservha.**

**Bhala kundizzjoni ewlenija ta din l-ordni l-Qorti tordna li l-imputata  zzomm kuntatt regolari mal-ufficcjal tal-probation li li l-istess ufficcjal ghandu jirrelata dwar il-progress taghha darba kull sitt xhur lil Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------